MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 10/2005/1

**Avviz Numru: 10/2005/1**

**Carmelo Seychell, Joseph Seychell, Anthony Seychell, Margaret Seychell u Carmen Seychell**

**vs**

**Carmelo Abela u Giuseppi u Giuseppa konjugi Abela ghal kull interess illi jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-15 ta' Dicembru 2010 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Bord;*

*Ra r-rikors promutur li jghid hekk:*

*Illi r-rikorrenti huma proprjetarji ta' tliet hbula raba' agrikola u porzjoni indiviza ta' habel; raba' iehor imiss maghhom li ghandhom kejl superficjali ta' tlett itmiem, hames sighan u sitt kejliet maghruf dan ir-raba' bhala "Ta' Pulejpa", fil-kontrada ta' Hal Tmiem limiti taz-Zejtun li tidhol ghaliha minn Sqaq 1 fi Triq Srejnu, Zejtun.*

*Illi ai termini ta' skrittura privata datata 15 t'Awwissu 1955 (kopja annessa mmarkata Dok A), l-intimati konjugi Abela kienu jokkupaw il-fond ossia ghalqa fuq imsemmija b'titolu ta' kera ta' raba' (qbiela) minn ghand ir-rikorrenti.*

*Illi l-intimati Guzeppi u Guzeppa konjugi Abela cedew id-drittijiet lokatizzji taghhom fuq il-fond in kwistjoni favur binhom il-konvenut Carmelo Abela;*

*Illi minn skrittura konsistenti f'dikjarazzjoni ffirmata mill-konjugi Abela lid-Dipartiment tal-Biedja, Fergha tar-Raba' (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument B) jirrizulta illi dawn id-drittijiet gew ceduti favur Carmelo Abela fis-27 ta' Lulju 1999 kif indikat;*

*Illi c-cessjoni ta' drittijiet favur Carmelo Abela giet notifikata lir-rikorrenti permezz t'ittra ufficjali tat-2 ta' Lulju 2002 (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument C), liema ittra ufficjali tindika l-1 ta' Lulju 2002 bhala d-data tat-trasferiment;*

*Illi James Seychell, membru tal-familja tar-rikorrenti illi llum jinstab imsiefer fuq xoghol volontarju sejjer jirritorna Malta u galadarba huwa ma ghandux xoghol Malta u jipposjedi l-kapacitajiet kollha sabiex jahdem ir-raba'. Il-fond in kwistjoni jipprovdi l-uniku mezz ta' ghixien ghalih u ghall-familja tieghu;*

*Illi ghaldaqstant ir-rikorrent jirrikjedi r-raba' in kwistjoni biex jigu uzati ghall-skopijiet agrikoli minn membri tal-familja personalment.*

*Illi inoltre l-istat ta' sahha tal-intimat Carmelo Abela, illi favur tieghu gew trasferiti r-raba' mill-intimati konjugi Abela ma jippermettiex lill-istess intimat jahdem ir-raba' u*

*dan stante li huwa gie "Boarded Out" wara incident fuq il-post tax-xoghol, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Illi ghalhekk, il-pregudizzju li jista' jsofri l-intimat Carmelo Abela huwa ferm anqas mit-tbatija illi jkun espost ghalih membru tal-familja tar-rikorrenti fl-eventwalita' illi ma tigix dikjarata t-terminazzjoni tal-kera in kwistjoni;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li jaghmlu referenza ghas-suespost, jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord (a) jiddikjara illi jezistu bizzejjed ragunijiet fil-ligi sabiex ir-rikorrenti jiehdu lura l-pussess tal-kirja tal-fond konsistenti fi tliet hbula raba' agrikola u porzjoni diviza ta' habel raba' iehor imiss maghhom li ghandhom kejl superficjali ta' tlett itmiem, hames sighan, u sitt kejliet maghruf dan ir-raba' bhala "Ta' Pulejpa", fil-kontrada ta' Hal Tmiem limiti taz-Zejtun li tidhol ghaliha minn Sqaq 1 fi Triq Srejnu, Zejtun; (b) jordna lill-intimat Carmelo Abela jizgombra l-fond konsistenti fi tliet hbula raba' agrikola u porzjoni diviza ta' habel raba' iehor imiss maghhom li ghandhom kejl superficjali ta' tlett itmiem, hames sighan, u sitt kejliet maghruf dan ir-raba' bhala "Ta' Pulejpa", fil-kontrada ta' Hal Tmiem limiti taz-Zejtun li tidhol ghaliha minn Sqaq 1 fi Triq Srejnu, Zejtun fi zmien qasir u perentorju kif jigi stabbilit minn dan il-Bord u (c) jillikwida kull kumpens li r-rikorrenti huma obbligati jhallsu lill-kerrej ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kap 199 tal-Ligijiet.*

*Rat ir-risposta tal-intimat li tghid hekk:*

*Illi preliminarjament r-rikorrenti iridu jippruvaw illi huma eredi ta' Nazzareno u Antonia ahwa Seychell;*

*Illi preliminarjament ghal dak li jirrigwarda l-intimati Guzeppi u Guzeppa konjugi Abela ghandu jinghad illi dawn gew citati inutilment u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju a spejjes tar-rikorrenti. In effetti huma kienu cedew il-qbiela tal-ghalqa in kwistjoni lil binhom Carmelo Abela fis-27 ta' Lulju 1999 u nnotifikaw lir-rikorrenti b'din ic-cessjoni permezz ta' ittra ufficjali tat-2 ta' Lulju 2002. Kwindi llum l-intimat Carmelo Abela*

*jikkwalifika bhala inkwilin skont id-definizzjoni pprovduta mill-artikolu 2 tal-Kap 199 u bhala tali ghandu titolu validu ta' qbiela fuq l-art in kwistjoni;*

*Illi bla pregudizzju u fil-mertu ghandu jirrizulta illi l-intimat Carmelo Abela jigi pregudikat aktar jekk jigi zgumbrat mill-ghalqa in kwistjoni milli jigu ppregudikati r-rikorrenti f'kaz illi ma jigix hekk zgumbrat u dan stante li r-raba' in kwistjoni hija sors indispensabbli ghall-ghixien talesponent;*

*Mill-banda l-ohra r-rikorrenti kollha ghandhom sorsi ohra ta' introjtu u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*Semgha l-provi;*

*Ra l-atti kollha tar-rikors;*

*Ikkonsidra:*

*Illi ghat-talbiet tar-rikorrenti, l-intimati objettaw billi l-ewwel talbu li tkun pruvata l-provenjenza tal-art in kwistjoni. Minkejja li l-intimat Carmelo Abela xehed illi huwa jhallas il-qbiela li Carmelo u Margaret (riferibilment Seychell), din l-eccezzjoni ma kenitx irtirata mill-intimati. Mary Seychell xehdet bil-gurament illi din l-ghalqa hija wirt minghand in-nannu taghha Karmenu Seychell, xhieda din li ma kenitx aktar attakata mill-intimati u ghalhekk ghal fini ta' din il-procedura l-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti ghandhom kull dritt spettanti mil-ligi sabiex jivvantaw ir-rikors odjern;*

*Illi din hija kawza ghal-ripreza ta' art agrikola mis-sidien izda r-rikors promutur jaghti l-impressjoni li t-talba qieghda ssir fuq zewg premessi u cioe` dik ta' cessjoni minghajr il-kunsens tas-sidien fuq naha, u dik fuq htiega tal-istess art ghal-uzu personali mis-sidien jew membri tal-familja taghhom. Dan ir-raba' kien imqabbel lil Guzeppi Abela li maz-zmien ceda l-istess f'idejn ibnu Carmelo, haga din li hija perfettament in linea mad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma kien hemm ebda raguni ghaliex ir-rikorrenti jiccitaw in gudizzju lil Guzeppi u*

*Guzeppa konjugi Abela ghalhekk ukoll qeghdin ikunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;*

*Illi ghalhekk il-pern ta' dan ir-rikors hija t-talba tar-rikorrenti biex jirriprendu r-raba' taghhom konsistenti f'total ta' tlett itmiem sabiex dan jinhadem minn wiehed mill-ulied tar-rikorrenti u dan kif inhu sancit fl-artikolu 4(2)(a) tal-Kapitolu 199;*

*Illi dwar din id-disposizzjoni tal-ligi kien hemm diversi sentenzi li enuncjaw l-iter procedurali partikolari li ghandu jkun segwit mill-Bord. Fil-kawza* ***Grezzju Caruana et vs Guzeppi Degabriele App 12/1993 deciz 3/11/2004****, l-Qorti rriteniet hekk:*

*"Jinsab spjegat fis-sentenza fl-ismijiet "***Jane armla minn John Mary Calleja et vs Francesco Calleja et***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, illi skont it-test tal-ligi fuq riprodott, "liter procedurali li kellu allura jigi segwit mill-Bord kien issegwenti:-*

*"(a) Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba kien jehtiegu biex jigi uzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera;*

*(b) Il-kerrej kellu mbaghad jipprova li r-raba' in kwistjoni kien fonti importanti tal-ghixien tieghu u tal-familja tieghu;*

*(c) Jekk dan l-element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord kellu jikkonduci l-ezami komparattiv li l-ligi tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh."*

*Illi fuq l-iskorta ta' dan l-insenjament gia assodat fil-gurisprudenza taghna, l-Bord ghadda biex jezamina dawn ir-rekwiziti applikati fil-kaz in dizamina. In primis ghalhekk jehtieg qabel xejn li tkun ezaminata x-xhieda tar-rikorrenti in rigward fejn Mary Seychell qalet illi dan ir-raba' huwa mehtieg sabiex ikun uzat minn binha li kien fi hsiebu jirritorna Malta madwar sena u xahrejn ohra mal-familja*

*tieghu konsisteni f’martu u zewg uliedu, dan ma kellux xoghol x’jizvolgi. Hi spjegat kif binha James Seychell inizjalment kien impjegat bhala nurse u sussegwentment kien surgent mal-Forzi Armati ta’ Malta. Huwa telaq minn mal-forzi u mar fuq xoghol missjunarju minn fejn kien bi hsiebu jirritorna kif fuq spjegat. James Seychell effettivament kien irritorna Malta u meta xehed f’Mejju tal-2007 qal li kien qieghed bla xoghol u ilu hekk ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs (fejn il-Bord jifhem li huwa z-zmien li qata’ fil-volontarjat). Huwa spjega li kien irrizenja minn mal-forzi armati u qatt ma hadem fir-raba’. Rapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura kkonferma li James Seychell m’ghandux ktieb tar-raba’ izda rapprezentant tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig xehdet fis-26 ta’ Gunju 2008 u zvelat illi James Seychell kellu impjieg fuq bazi full time mill-14 ta’ Settembru 2007 mal-Foundation for Social Welfare Services bhala nurse. Tajjeb li jkun rilevat illi l-intimat kien letteralment persegwitat f’dawn il-proceduri sabiex jittihiedlu r-raba tieghu konsistenti fi tlett itmiem raba’ li huwa l-uniku sors ta’ introjtu tieghu u kien mitlub jixhed diversi drabi semplicement ghaliex ir-rikorrenti ma setghux jaccettaw il-fatt illi l-intimat kien halla l-impjieg tieghu minn mal-Malta Drydocks ghaliex ma kienx medikament kapaci jaghmel dak ix-xoghol ta’ strapazz bhala Shipwright, ma inghata l-ebda xoghol alternattiv u ghalhekk l-uniku triq li kien fadallu kien li jkun boarded out u dan minghajr ebda kumpens, pensjoni jew beneficcju. Huwa jghix ma ommu u missieru li t-tnejn ghandhom pensjoni, huwa guvni, u ma hemm xejn straordinarju li minn dan ir-raba’ idahhal total ta’ cirka hames mitt lira maltin (kif xehed dak iz-zmien). Ingiebu l-medical records tieghu mid-Drydocks u ingiebu wkoll medical records ta’ missieru minn Zammit Clapp Hospital ghalkemm dawn ma kienu jiccentraw assolutament xejn. Huwa minnu li dawn il-kostatazzjonijiet huma aktar idonei ghat-tieni u t-tielet rikwizit kif fuq spejgat izda qeghdin ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni minn dan il-Bord ghaliex l-insistenza tar-rikorrenti li jirriprendu dan ir-raba’ ciononostante li binhom issa ghandu impjieg full time jwasslu ghall-konvinciment ta’ dan il-Bord li r-rikorrenti ma rnexxilhomx jissodisfaw l-ewwel rekwizit li verament jehtiegu dan ir-raba’ ghall-uzu*

*personali ta' wiehed minn uliedhom. Ezami tar-rekwiziti l-ohra ghalhekk huwa inutili.*

*Ghal dawn il-motivi, l-Bord jichad it-talba bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Seychell, Joseph Seychell. Anthony Seychell, Margaret Seychell u Carmen Seychell datat 4 ta' Jannar 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressqa tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' April 2011.

Rat ir-risposta ta' Carmelo Abela u Giuseppi u Giuseppa konjugi Abela datata 8 ta' Marzu 2011 a fol 20 tal-process fejn sostnew ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Katia Mercieca ghall-appellanti prezenti u Dr. David Camilleri ghall-appellat prezenti. Il-Qorti rat ir-rikors tat-8 ta' Marzu 2011. Rat ir-risposta.

Rat id-digriet moghti fl-istess seduta fejn *in vista* tal-fatt li tali dokument seta' gie esebit qabel ma inghatat is-sentenza fl-ewwel istanza l-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-isfilz tal-imsemmi dokument mill-appell odjern. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord fl-ismijiet premessi datata 15 ta' Dicembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa (a) li s-sentenza hija bbazata fuq allegazzjoni erronja li l-appellat kien qed juza l-istess raba' bhala fonti indispensabbli tal-ghejxien tieghu meta provi dwar dan ma ngabux ghal kull ma tressaq in sostenn tal-istess hija dikjarazzjoni tal-intimat stess; (b) l-Bord kellu jikkontrasta u jizen il-htiega ta' l-appellanti minn banda wahda u l-indispensabilita' tar-raba' mill-appellant mill-banda l-ohra.

Illi jinghad li l-**artikolu 4 (2) (a) tal-Kap. 199** jipprovdi li:-

*"Il-Bord jilqa' r-rikors ta' sid il-kera jekk sid il-kera jipprova li-*

*(a) jehtieg ir-raba' biex jigi uzat ghal skopjijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja personalment ghal perjodu ta' mhux anqas minn erba' snin konsekuttivi li jibdew minnufih wara d-data tat-terminazzjoni;*

*Izda c-cirkostanza msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu ma tkunx raguni bizzejjed biex jigi milqugh ir-rikors ta' sid il-kera, jekk il-kerrej jipprova li r-raba' in kwistjoni jkun fonti importanti ta' l-ghajxien tieghu u tal-familja tieghu u jekk il-Bord ikun sodisfatt li l-kerrej ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh."*

Illi kif spjegat din il-Qorti fis-sentenzi taghha **"Tereza Agius et vs Emanuela Caruana"** (A.I.C. (RCP) – 17 ta' Gunju 2010 u **"Anthony Farrugia et vs Carmelo Schembri"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Ottubru 2010) gie diversi drabi ritenut li l-*iter* procedurali sabiex il-Bord li Jikkontrolla l-Kiri tar-Raba' jilqa' talba ghal ripresa minhabba bzonn tas-sid jinvolvi tliet stadji distinti:-

(i) Il-Bord ghandu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba' jehtiegu biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova ghandha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera.

(ii) Il-kerrej ghandu mbaghad jipprova li r-raba' in kwistjoni kien fonti importanti tal-ghixien tieghu u tal-familja tieghu.

(iii) Jekk dan it-tieni element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord jghaddi biex jikkonduci l-ezami komparattiv li l-ligi tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh.

Illi dan gie segwit mill-Bord fis-sentenza appellata ghaliex il-Bord gustament ippreciza illi skond il-gurisprudenza f'dan il-kaz l-ewwel irid ikun sodisfatt dwar il-htiega attwali tas-sid ghar-raba' in kwistjoni. Jekk imbaghad ikun sodisfatt dwar dan, allura l-oneru jdur fuq l-inkwilin sabiex jipprova l-bzonn tieghu tal-istess raba'. Imbaghad jekk jigi ppruvat dan, isir ezami komparattiv tal-pregudizzju rispettiv taz-zewg partijiet (**"Grezzju Caruana et vs Guzeppi Deagriele"** (A.I.C. (PS) – 3 ta' Novembru 2004); **"Mario Mizzi et vs Victor Stellini"** (A.I.C. (PS) – 5 ta' Lulju 2006).

Illi jirrizulta li l-ewwel ilment tal-appellanti huwa li ma giex ippruvat li l-intimat ghandu bzonn l-istess raba' ghall-bzonnijiet tieghu, izda dan l-aggravju qed jipprezumi li l-ewwel element li kellu jigi nvestigat mill-Bord, u cjoe' li l-appellanti kellu bzonn l-istess raba' ghall-uzu personali tieghu kien sodisfatt, u li effettivament il-Bord sab ghall-appellanti meta dan mhux il-kaz u dak li qal il-Bord huwa ben gustifikat u fondat anke fuq l-iskorta tas-sentenza **"Mario Mizzi et vs Victor Stellini"** (A.I.C. (PS) – 5 ta' Lulju 2006) li l-bzonn rikjest mis-sid skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap. 199** ghandu jkun bzonn attwali u mhux semplici xewqa jew preferenza; dan ma jfissirx prova ta' necessita' assoluta, izda prova fi grad ragonevoli ta' bzonn li huwa mpost fuq is-sid.

Illi pero' minn harsa lejn is-sentenza appellata jidher li dan assolutament ma huwiex il-kaz ghaliex meta gie ezaminat dan l-ewwel test inghad bla ebda tlaqliq li l-ewwel element ma giex ippruvat ghaliex irrizulta lill Bord inter alia li appellant kellu mill-14 ta' Settembru 2007 impjieg kwazi

full time bhala nurse mal-*Foundation for Social Welfare Services*, u huwa biss dan l-element li gie diskuss f’din is-sentenza, u la darba fl-opinjoni tal-Bord, dan lanqas ma gie ppruvat mela allura l-Bord gustament hass li ma kellux jidhol fit-tieni u t-tielet rekwiziti necessarji li jigu ppruvati sabiex tirnexxi l-kawza quddiemu. Tant huwa minnu dan li l-istess Bord ikkonkluda li *“l-insistenza tar-rikorrenti li jirriprendu dan ir-raba’ ciononostante li binhom issa ghandu impjieg full time jwasslu ghall-konvinciment ta’ dan il-Bord li r-rikorrenti ma rnexxilhomx jissodisfaw l-ewwel rekwizit li verament jehtiegu dan ir-raba’ ghall-uzu personali ta’ wiehed minn uliedhom. Ezami tar-rekwiziti l-ohra ghalhekk huwa inutili”.*

Illi mella allura dan ifisser li in kwantu l-appell odjern huwa mpostat fuq it-tieni u t-tielet elementi necessarji legalment f’dan il-kaz sabiex jigu ppruvati sabiex tirnexxi l-azzjoni attirici, jinghad li dawn ma jiehdux konsiderazzjoni tal-fatt li dan il-Bord lanqas biss ezaminathom, proprju ghaliex l-ewwel element tal-bzonn tar-rikorrenti tal-istess raba’ lanqas biss gie ppruvat, u dan ma jidhirx li jikkonfigura fl-appell odjern.

Illi jidher li dan sar ghaliex illum u f’dawn il-proceduri l-istess rikorrenti qed isostni li fiz-zmien li inghatat is-sentenza fil-15 ta’ Dicembru 2010 l-imsemmi iben l-appellanti James Seychell kien spicca bla impieg, izda mill-atti tal-kawza pendenti quddiem il-Bord sad-data meta inghatat is-sentenza dan ma kienx il-kaz, u huwa proprju f’dan l-istadju tal-proceduri qed jigi allegat li l-imsemmi James Seychell kien ilu disokkupat mis-7 ta’ Awissu 2009 (fejn jinghad li dan sehh ghaliex irrezenja – ara l-ahhar pagna tar-risposta tal-appell tal-appellat – l-ewwel paragrafu) , u sar tentattiv sabiex jigi esebit tali dokument li juri tali terminazzjoni ta’ impjieg f’dan l-istadju, liema talba giet respinta, ghaliex tali dokument kien disponibbli ghar-rikorrenti qabel ma inghatat is-sentenza quddiem il-Bord, izda ma giex esebit minnhom, b’dan li fuq l-iskorta tas-sentenza **“Avukat Dr. Grazio Mercieca nomine vs Joseph Cassar nomine”** tali fakolta’ moghtija fl-**artikolu 145 tal-Kap. 12** ghall produzzjoni ta’ dokumenti ulterjuri fi stadju ta’ appell hija wahda ta’ natura eccezzjonali u ma

hijiex disponibbli jekk tali prova gdida setghet opportunament titressaq quddiem il-Qorti tal-ewwel grad iktar u iktar abbazi ta' dak ritenut fl-**artikolu 206 (2) tal-Kap. 12.** F'dan il-kaz, meta tali dokument huwa tant importanti hija verament serja l-mankanza tal-appellanti li tipprezenta l-istess dokument quddiem il-Bord, u l-fatt li ma ghamlitx dan huwa fatali ghal-azzjoni tieghu, meta dan setghet facilment taghmlu, anke jekk allegatament meta seta` jigi prezentat tali dokument il-kawza kienet ghas-sentenza, ghaliex kull ma kellu jsir kien biss rikors sabiex issir talba apposita lill-Bord li baqghet ma saritx mid-data tas-7 ta' Awissu 2008 sad-data tas-sentenza effettiva fil-15 ta' Dicembru 2010. Dan huwa iktar sinifikanti meta din il-Qorti hija Qorti tat-Tieni Istanza u allura qed tittratta aggravji li jigu mressqa mill-appellanti abbazi tad-decizjoni moghtija fuq il-provi prodotti fl-ewwel istanza, u allura din hija Qorti ta' revizjoni li ghandha timxi fuq l-atti processwali ezaminati fl-Ewwel Istanza, u mhux terga' tibqa' l-kawza mill-gdid bis-smiegh tal-provi, u ghalhekk tezisti r-regola li f'kazi eccezzjonali biss, u allura meta ma setghux jingiebu provi fl-ewwel istanza, li kull tip ta' prova tista' tigi ammessa f'dan l-istadju, u dan il-kaz ma huwiex manifestament wiehed minnhom.

Illi anke jekk biss ghall-grazzja tal-argument dak kollu hawn ikkunsidrat jigi mqar ghall-mument moghti l-genb, jinghad ukoll ghall-kompletezza l-aggravji attwalment imressqa mill-appellanti huma bazikament dwar l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Bord (u dan dejjem bla ma jigi injorat ghall- mument wiehed li dan dejjem sar biss meta l-istess Bord kien qed jezamina l-ewwel element konsistenti fil-bzonn tal-appellanti tal-istess raba') u f'dan il-kuntest gie kostantement ritenut mill-Qorti tal-Appell li l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti tal-ewwel grad ma ghandux jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri fin-nuqqas ta' cirkostanzi tali li jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament tal-ewwel Qorti kien tant zbaljat li, jekk ma jkunx disturbat, jikkreja ingustizzja bejn il-partijiet (**"Carmelo Agius vs John Agius**" - A.I.C. - 2 ta' Dicembru 1994). Aktar recentement din il-Qorti regghet tenniet illi *"f'materja ta' apprezzament ta' provi din il-Qorti ta` revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-*

*ewwel Qorti jekk ma jkunx manifest li dak l-apprezzament sar hazin jew ghal xi motiv iehor gravi"* (**"George Bonnici et noe vs Emanuel Farrugia"** – A.I.C. 16 ta' Dicembru 2002; ara wkoll **Vol XXXVII.i.56;** "**Matteo Decesare vs Joseph Camilleri"**, App. Civ. 8 ta' Marzu 1989 fost hafna ezempji ohra).

Illi anke fid-dawl ta' dak li inghad f'din is-sentenza u cjoe' li l-Bord ta' decizjoni biss dwar l-ewwel element mehtieg f'kawza ta' dan it-tip, meta l-appell odjern huwa mpostat fuq it-tieni u t-tielet element, li lanqas gew mistharrga mill-Bord proprju ghaliex il-prova fuq l-ewwel element falliet, din il-Qorti xorta thoss li attwalment l-aggravji sollevati mill-appellanti jikkonsistu biss fi kwistjonijiet ta' fatt u dak li qed jaghmlu l-appellanti huwa li jistiednu lil din il-Qorti terga tevalwa l-provi mill-gdid u tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord. Issa huwa ben saput u stabbilit li l-Qorti tat-tieni grad bhala Qorti ta' revizjoni ghandha tillimita ruhha ghall-kunsiderazzjoni jekk l-ewwel qorti ghamlitx analizi tal-fatti konstatati quddiemha u jekk fic-cirkostanzi kinitx gustifikata jew gustifikabbli l-konkluzjoni li waslet ghaliha. Huwa ghalhekk irrilevanti f'dan l-istadju jekk din il-Qorti taqbilx jew le mal-konkluzjonijiet specifici tal-Bord sakemm l-appellant ma jipprovax xi ragunijiet "gravi u impellenti" (**"Joseph Grech Sant noe vs Dottor Riccardo Farrugia et noe"**, App. 28 ta' Frar 1997) li minhabba fihom din il-Qorti ghandha tiddisturba l-apprezzament li sar mill-Bord.

Illi jinghad ukoll ghall-kompletezza li meta din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti, thoss li effettivament ma tezisti ebda raguni gravi u impellanti li timmilita kontra l-konkluzjonijiet raggunti mill-Bord fl-istess decizjoni, ghaliex fil-proceduri quddiem l-istess Bord ma kienx hemm prova li James Seychell kellu bzonn l-istess raba', u wkoll li fil-kuntest ta' dan l-ezami l-istess Bord ha konsiderazzjoni tal-fatt li minkejja li iben ir-rikorrenti kellu mpjieg, huwa xorta wahda baqa' jinsisti fuq ir-ripresa tar-raba' *de quo* meta rrizulta li l-intimat kien jghix ma' ommu u ma` missieru u kien jiddependi fuqhom u kien jghin billi jahdem l-istess raba' principarjament ghall-uzu personali tal-istess familja, li d-dhul taghha kien ghalhekk wiehed

limitat. Mela allura l-istess Bord seta` abbazi tal-provi quddiemu jasal ghal tali konkluzjoni u din il-Qorti certament ma hijiex b'xi mod ser ticcensura dan, iktar u iktar meta dan inghad fil-kuntest tal-ewwel element li gie ezaminat, tant li s-sentenza taghlaq billi tghid li *"ir-rikorrenti ma rnexxilhomx jissodisfaw l-ewwel rekwizit li verament jehtiegu dan ir-raba' ghall-uzu personali ta' wiehed minn uliedhom. Ezami tar-rekwiziti l-ohra ghalhekk huwa inutili".*

Illi ghalhekk dan l-appell qed jigi respint.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellati datata 8 ta' Marzu 2011 inkwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tal-appellanti Carmelo Seychell et fir-rikors tal-appell taghhom datat 4 ta' Jannar 2011** u tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tal-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri tar-Raba' datata 15 ta' Dicembru 2010.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Carmelo Seychell et.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------